ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2012**

| **Il-Ħames Sena** | **L-ISTUDJI SOĊJALI** | **Il-Ħin: Siegħa u kwart** |
|---|---|---|

**L-Isem:** ________________________________ **Il-Klassi:** ________________

IT-TOTAL TAL-MARKI ☐

**AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:**

- Imla ismek u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

1. Aqra dan id-djalogu.



**Paul**: Ara Tania, kif int?

**Tania**: Jiena tajba grazzi.

**Paul**: Illejla ġejja l-laqgħa tad-drama?

**Tania**: Għadni lanqas naf, ngħidlek is-sew, ma tantx għandi aptit.

**Paul**: Imma jekk ma tiġix, iżżommna lkoll lura. Tinsiex li l-*play* irridu nirreċtawha fi żmien ġimgħa oħra.



**Tania**: Issa nara insomma.

Wieġeb billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta.

(L-ewwel waħda mmarkata 'O' hija mogħtija bħala eżempju.)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 0 | **Paul u Tania huma membri** | | li jattendi l-laqgħat kollha. |
| 1 | Il-membri għandhom | | huwa importanti. |
| 2 | Kull membru ta' grupp huwa fid-dmir | | għandhom jiddiskutu mhux jiġġieldu. |
| 3 | Meta l-membri ma jaqblux bejniethom | | għandha tkun ta' eżempju tajjeb għall-membri l-oħra. |
| 4 | Fi grupp ir-rwol ta' kulħadd | **0** | **fi grupp tad-drama.** |
| 5 | L-imġiba ta' kull membru | | jobdu r-regoli tal-grupp. |

(2 marki x 5 = 10 marki)

2. Aqra: Fir-ritratt tidher dar tal-anzjani. Fil-vaganzi tal-Milied Ms Abela, l-għalliema tal-ħames sena, ħadet lill-istudenti sa din id-dar bħala parti minn proġett tal-Istudji Soċjali li qegħdin jagħmlu flimkien. L-Istudenti ħassew li din iż-żjara għallmithom ħafna.



Ikteb tagħlima li ħadu t-tfal minn din iż-żjara.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

3. Ikteb sentenza b'kull wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin biex turi kif dawn jistgħu jgħinuna biex ikollna AMBJENT SOĊJALI aħjar.

1. IL-PULIZIJA:



______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2. IS-SAĊERDOT:



______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3. IL-*WARDEN*:



______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. IL-KENNIES U TAL-INDAFA PUBBLIKA:



______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5. L-GĦALLIEM/A:




______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

(2 marki x 5 = 10 marki)

## 4. Aqta' sing taħt ir-risposti t-tajbin.



1. Fir-rapport tat-temp ikollna informazzjoni dwar (l-irħula Maltin, il-ħin li fih titla' x-xemx, il-muntanji, id-deżert).

2. Mod kif it-temp jaffettwalna ħajjitna huwa (fl-ilbies li nilbsu, liema gazzetta naqraw, kif naħsbuha, nużawx *emails* jew il-posta).

3. Meta tinżel ħafna xita f'daqqa (ikollna iktar elettriku, l-aħbarijiet idumu iktar, l-għelieqi jinfaqgħu bl-ilma, ikollna l-bnazzi).

4. Temperatura ta' 10 gradi Celsius hija temperatura (tas-sajf, tal-ħarifa, tax-xitwa, għolja).

5. Malta għandha klima Mediterranja. Dan ifisser li (ix-xita tagħmel l-iktar fix-xitwa, fis-sajf tinżel il-borra, fir-rebbiegħa jkollna s-silġ, fix-xitwa l-baħar isir silġ).

(marka 1 x 5 = 5 marki)

## 5. Wieġeb billi tikteb VERU jew FALZ fil-kaxxi l-vojta.



| | | VERU / FALZ |
|---|---|---|
| 1 | Fil-Gżejjer Maltin għandna deżert wieħed biss, dak Tal-Aħrax. | |
| 2 | Fid-deżert kiesaħ tagħmel ħafna sħana wkoll minbarra l-bard. | |
| 3 | Fid-deżert l-ambjent huwa wieħed aħrax immens. | |
| 4 | Insibu xi nies jgħixu fid-deżert, imma dawn huma ftit ħafna. | |
| 5 | Il-ġemel huwa annimal li jgħaddi ġimgħa sħiħa mingħajr ma jkollu bżonn jiekol, allura jista' jgħinna naqsmu d-deżert. | |
| 6 | Il-pjanti u s-siġar huma rari ħafna biex issibhom fid-deżert ħlief għal xi ftit kaktus. | |
| 7 | Fid-deżert sħun issib ħafna ramel u xi serp velenuż. | |
| 8 | L-Eskimiżi huma poplu li mdorrijin jgħixu f'deżert kiesaħ. | |
| 9 | Deżert kiesaħ magħruf ħafna huwa dak tas-Sahara fl-Afrika. | |
| 10 | F'deżert kiesaħ it-temperatura tkun baxxa ħafna u jagħmel ħafna ksieħ. | |

(marka 1 x 10 = 10 marki)





6. Aqra, imbagħad wieġeb.



**Aħbar A**: *Maltempata fuq Malta* (mill-aħbarijiet ta' nhar il-21 ta' Frar, 2009)

"...... Maltempata qalila ħakmet il-Gżejjer Maltin ilbieraħ waranofsinhar. F'siegħa bejn is-2.00pm u t-3.00pm niżlu madwar 50 millimetru xita. Il-Protezzjoni Ċivili avżaw lin-nies biex jevitaw postijiet fil-baxx bħal Birkirkara u l-Imsida......"

**Semmi żewġ ħsarat illi taħseb li saru bil-maltempata msemmija:**

1. Ħsara A:

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

2. Ħsara B:

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)



**Aħbar B**: *Terremot fil-Ġappun* (Marzu 2011)

" ...... Il-Ġappun ilbieraħ iddikjara stat ta' emerġenza wara li terremot qawwi fil-baħar irriżulta f'tsunami enormi; ftit wara, il-pajjiż intlaqat ukoll minn terremot qawwi li ħalla ħerba sħiħa ...... "

**Semmi żewġ ħsarat illi taħseb li saru bit-terremot imsemmi:**

3. Ħsara C:

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

4. Ħsara D:

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

(Total = 8 marki)

## 7. Wieġeb.



1. X'tissejjaħ it-tip ta' dgħajsa li qed tara fl-istampa?

   ________________________________________ (2)

2. Min juża l-iktar din id-dgħajsa?

   ________________________________________ (2)

3. Kif jaqilgħu x'jieklu s-sidien ta' din id-dgħajsa?

   ________________________________________ (2)

4. Semmi raħal f'Malta jew f'Għawdex fejn tista' tara ħafna minn dawn it-tip ta' dgħajjes: ________________________________ (2)

5. Għaliex taħseb li l-ħajja tas-sid ta' din id-dgħajsa hija iebsa ħafna?

   ________________________________________________________ (2)

6. Għaliex taħseb li bix-xogħol tiegħu, is-sid ta' din id-dgħajsa mhux biss jaqla' x'jiekol hu, imma wkoll jgħin lil ħafna nies oħra?

   ________________________________________________________

   ________________________________________________________ (2)

(Total = 12-il marka)



## 8. Aqra: Fl-istampa jidher it-Torri ta' San Luċjan.

Issa wieġeb il-mistoqsijiet.

1. Ħdejn liema raħal Malti jinsab dan it-torri?

   ______________________ (2)

2. X'attività speċjali ssir ġo dan it-torri?

   ________________________________________________________

   ________________________________________________________ (2)

3. Għaliex taħseb li din l-attività hija ta' ġid għalina lkoll?

   ________________________________________________________

   ________________________________________________________ (3)

(Total = 7 marki)

## 9. Wieġeb.



1. Għaliex it-turisti jħobbu jiġu Malta? (Semmi żewġ raġunijiet)
   (a) Raġuni A:
   ________________________________
   ______________________________ (2)
   (b) Raġuni B:
   ________________________________
   ______________________________ (2)
2. Agħti l-isem ta' ċentru turistiku f'Malta jew f'Għawdex:
   ____________________________________________________________ (2)
3. Semmi mod kif aħna t-tfal nistgħu ngħinu biex aktar turisti jitħajru jiġu Malta.
   ____________________________________________________________ (2)
4. Għid għaliex aħna jaqblilna meta jiġu iktar turisti Malta.
   ____________________________________________________________ (2)

(Total = 10 marki)

## 10. Wieġeb billi taqta' sing taħt ir-risposti t-tajbin.

1. Palazzo Falson, Palazzo De Vilhena u t-Torri tal-Istandard, it-tlieta jinsabu (fiċ-Ċittadella, fl-Imdina, fil-Birgu).
2. Il-Kastell Sant'Anġlu jinsab fil-ponta (tal-Imdina, taċ-Ċittadella, tal-Birgu).
3. Il-Katidral iddedikat lil Santa Marija jinsab (fl-Imdina, fiċ-Ċittadella, fil-Birgu).
4. Iċ-Ċittadella tinsab (f'nofs Malta, f'Għawdex, qrib il-bajja tal-Ġnejna).
5. L-Imdina nbniet (qrib il-baħar, fuq għolja, ġo wied).
6. Fil-bliet qodma kollha taċ-Ċittadella, l-Imdina u l-Birgu nsibu (baħar fil-qrib, Katidral, toroq dojoq).
7. Il-bliet qodma taċ-Ċittadella, l-Imdina u l-Birgu huma kollha (qrib il-baħar, mibnija fuq għolja, mdawrin bis-swar).
8. Fl-antik, il-belt kapitali ta' Malta kienet (iċ-Ċittadella, l-Imdina, il-Mellieħa).
9. Il-Kavallieri ta' San Ġwann, għall-ewwel li ġew Malta, għamlu (l-Imdina, ċ-Ċittadella, l-Birgu) bħala l-belt kapitali tagħhom.

(marka 1 x 9 = 9 marki)

## 11. Wieġeb.

1. Għaliex iċ-Ċittadella nbniet fuq għolja u 'l bogħod mill-baħar?

________________________________________

________________________________________ (2)

2. Għaliex fl-antik il-Birgu kien importanti ħafna għall-kummerċ?

________________________________________

________________________________________ (2)

3. Semmi xi ħaġa fl-Imdina jew fiċ-Ċittadella, li fl-antik u llum baqgħet l-istess, jiġifieri ma nbidlitx. ________________________________________ (2)

(2 marki x 3 = 6 marki)

## 12. Żmien il-Fewdaliżmu u l-Irvell kontra Monroy.



### Aqra, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet:

L-istampa turina l-Kastell qadim ta' Sant'Anġlu. Il-Maltin irvellaw kontra t-tmexxija kiefra ta' Monroy u qaflu lill-mara ta' Monroy hawnhekk.

1. Għaliex il-Maltin irvellaw kontra Monroy?

________________________________________ (2)

2. X'kellu jagħmel Monroy meta l-Maltin irvellaw kontrih?

________________________________________ (2)

3. Il-ġrajja ta' Monroy turina li: (immarka t-tajba bis-sinjal ✓)
   - meta Malta kienet maħkuma mis-sidien barranin, morna tajjeb __________
   - il-Maltin minn dejjem xtaqu li jkollhom id-drittijiet tagħhom __________
   - is-sidien barranin kienu jiddefenduna meta jattakkana l-għadu __________ (2)

4. Irrakkonta fi kliemek kif spiċċat il-ġrajja ta' Monroy.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (4)

(Total = 10 marki)

**TMIEM IL-KARTA**